# ĦAL-LUQA LOCAL COUNCIL

# Administrative Report 2018

## 1.0 *Mayor's Letter*

Egħżież Residenti

Erġajna iltqajna hawn illum biex nagħtu rendikont tal-ħidma li saret b' paragun ma' dak li kien imwiegħed li kellu jsir matul din il-leġislatura. Kif hawn uħud minkom li kienu xhieda matul is-sena l-oħra kelli numru ta' laqgħat li l-frott tagħhom bdejna naqtgħuh dak iż-żmien qed inkomplu naqtgħuh din is-sena. Dan ir-Rapport ta' ħidma ħa jkompli jagħti aktar dettal għall dak li qed nirreferi għalih.

Madanakollu kien hemm ħafna affarijiet oħra li saru u li fosthom ressaqna l-prijoritajiet tagħkom għall ħidma. Matul din il-laqgħa tal-lum ukoll se nisimgħukom u nkomplu naħdmu fuqhom matul is-sena. Minn naħa tiegħi ta' kuljum inkun il-Kunsill biex dawk fostkom li jridu jwasluli xi diffikultajiet jien se nibqa nisma.

……………………………...
JOHN SCHEMBRI

Mayor

MARCH 2019

## 2.0 *The Council*

| Position | Meeting Attendance |
| --- | --- |
| ***Mayor*** | |
| Mr. John Schembri | 100% |
| ***Deputy Mayor*** | |
| Ms. Denise Cutajar | 90% |
| ***Councillors*** | |
| Mr. V. Caruana | 100% |
| Mr. Eric Camilleri | 90% |
| Mr. Kearon Bruno | 50% |
| Mrs. E Camilleri Schembri | 80% |
| Mrs. L. Massa | 80% |

***Executive Secretary***

Mr. Michael Portelli

***Assistant Principals***

Ms. A. Refalo
Ms. I. Borg

***General Assistants***

Mr. M. Muscat

3.0 *Council Areas of Activity*

***Organisation& Responsabilites***

The Organisation structure implemented during 2018 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.






# Rapport Amministrattiv Sena 2018

Bħala proċedura matul din il-laqgħa nagħtu ħarsa lejn l-aspetti kollha li huwa responsabbli għalihom il-Kunsill Lokali u naraw x' sar. Nistgħu ngħidu li matul is-sena l-oħra ħdimna fuq kull aspett u anki aktar minn dak li kien ippjanat.

Huwa tajjeb għalhekk li nibdew mill-ewwel biex naraw l-aspett Amministrattiv u nkomplu naraw l-aspetti l-oħra wieħed, wieħed.

## Amministrazzjoni

Kif tafu ta' kuljum il-Kunsill Lokali jipprovdi numru ta' servizzi bħall knies, ġbir tal-iskart, ġbir tal-iskart goff, żamma tas-soft areas u dwal tat-toroq. Dawn is-servizzi waħedhom jokkupaw l-akbar spiża tal-Kunsill Lokali imma b' għaqal kbir dejjem innegozjajna biex il-flus li ffranka l-Kunsill minn dawn is-servizzi użajnihom fi proġetti għall ġid tal-Ħalluqin. Kien hemm numru ta' servizzi li ġew evalwati matul din is-sena u fejn il-kuntratt wasal biex jiskadi se jkunu qed jinħarġu sejħiet online biex dawk interessati japplikaw. B' dan il-mod il-Kunsill Lokali jista jkun fiċ-ċans li jingħata prezzijiet kompetittivi għas servizzi li juża. Jekk wieħed jieħu dawn is-servizzi u jara kemm jiswew malajr jsib li jammontaw għall madwar Euro 270,000.

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali kompla jżied fin-numru ta' ħaddiema li jaħdmu fuq barra l-uffiċċju billi l-entitajiet responsabbli minn dawn il-ħaddiema jaf li l-Kunsill Lokali tagħna għandu diversi bżonnijiet u baqa' wkoll iżomm il-commitments eżistenti. Fost dawn nista ngħid li hemm ħaddiem li jagħmel xogħol ta knies ġewwa Ħal Farruġ u ieħor li qed jagħmel maintenance fil-Family Park. Hawn ukoll ħaddiema fil-Bandli ta' Ħal Luqa u team ieħor li jagħmel maintenance ta' kuljum madwar Ħal Luqa. Naqqasna n-nefqa fuq spejjeż bħal tindif tal-latrina billi wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill jieħu ħsieb inaddafha kuljum u jaħsilha.

Ikun hemm ħafna ilmenti fejn b' wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li nindirizzawhom fl-iqsar żmien jew ngħadduhom lil entitajiet oħra imma mhux dejjem jiddependi mill-Kunsill Lokali biex entitajiet oħra jiċċaqalqu u nassigurawkom li nagħmlu aktar minn dak li huwa obbligat li jagħmel il-Kunsill Lokali.

## Kultura

Is-sena l-oħra l-Kunsill Lokali tagħna kien involut fi twinning li sar mal-lokalita ta' Gallodoro fi Sqallija. B' delegazzjoni immexxija mis-Sindku u li kienet tinkludi l-Kunsilliera Lucia Massa u l-Kunsillier Victor Caruana. Matul il-mawra li kellna kienet diskussa t-tema tal-Euroscepticism li biha ninvestigaw x' inhu l-polz taċ-ċittadini Ewropej lejn l-Unjoni Ewropeja. Kellna laqgħat kordjali u kien il-bidu għall aktar ħidma ma lokalitajiet f' pajjiżi barranin tal-Unjoni Ewropeja. Minn naħa tas-Sindku kienet ippreżentata l-lokalita ta' Ħal Luqa ġewwa Sqallija u anki

tkellimna fuq kif il-Maltin jħarsu lejn l-Unjoni Ewropeja. Qed nittamaw ukoll li għas sena d-dieħla jkompli dan il-ġemellaġ ukoll ġewwa Malta fuq l-istess tema.

Mejju huwa x-xahar fejn nikkomemoraw it-twaqqif ta' Ħal Luqa u nonoraw lil dawk in-nies li jkunu taw ġieħ f' aspett jew ieħor. Matul is-sena l-oħra billi kienet il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsilliera innominaw lis-Sindku u l-minority leader biex jingħataw Ġieħ Ħal Luqa. Kien ġest sabiħ fejn l-aktar żewġ persuni veterani f' dan il-Kunsill ġew rikonoxxuti mill-Kunsill stess għall ħidma li wettqu matul is-snin. Wara ċ-ċerimonja li saret quddiem il-Monument tal-Gwerra komplejna b' serata fil-Pjazza b' għana tradizzjonali u żfien.

Sabiex jitkomplew ir-relazzjonijiet tajba li għandu l-Kunsill Lokali mal-Parroċċa tal-Fontana erġajna attendejna għall pontifikal tal-festa ta' Sant' Andrija li saret fl-ewwel weekend ta' Diċembru. Matul is-sena tlajna darb' oħra Għawdex wara l-festa ta' Sant' Andrija. Dawn il-ħarġiet iservu biex dawk ir-residenti li jħossuhom waħedhom jkollhom opportunita joħorġu u jagħmlu kumpanija.

## Infrastruttura

Bħalissa żgur li tistgħu tosservaw xogħolijiet tat-toroq fi Triq l-Aħwa Vassallo u anki Triq ir-Rixtellu. Dawn ix-xogħolijiet se jkomplu jsegwu fi Triq Mons. G Debono, Triq Valletta. F' Ħal Farruġ se ssir Triq Wied in-Noqor ukoll. Biex inbdew dawn ix-xogħolijiet kienu jfissru laqgħat kontinwi bejn is-Sindku u Infrastruttura Malta fejn ressaq lista ta' toroq li jinstabu fi stat ħażin, peress li l-Gvern Ċentrali ħa r-responsabilta tat-toroq kollha. Dan l-aħħar konna infurmati wkoll li se jsiru Triq il-Ġdida, Triq id-9 t' April u Triq Dun Gulju Muscat b' servizzi ġodda u anki tarmac u bankini.

Laqgħat bħal dawn isiru fuq affarijiet oħra wkoll speċjalment traffic management u proġetti kapitali. Fosthom nistgħu nsemmu laqgħa li saret bejn is-Sindku u Infrastruttura Malta fuq il-kwistjoni tal-għargħar ta' Wied il-Knejjes. B' wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li din il-laqgħa serviet biex din l-Entita afdat lill-Kunsill Lokali biex jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji u jieħu rimbors totali tal-ispejjeż. Din il-problema b' hekk se tkun qed tissolva darba għall dejjem. Dan il-Kunsill Lokali qatt ma qagħad lura milli jitlob għall fondi u jwassal il-preokuppazjonijiet tagħkom. Għalkemm inkunu nafu li kultant ma tantx ikun hemm Speranza li nġibu il-fondi li għandna bżonn xorta nippruvaw u nitolbu aktar minn darba jekk hemm bżonn.

Il-kwistjoni li kenet ilha għaddeja snin mal-Faces Display, dik il-kumpanija responsabbli mill-installazzjoni tal-bus shelters madwar kienet riżolta u mill-ewwel rajna kif nagħmlu laqgħa sabiex dawk il-bus shelters li kienu ilhom aktar minn 6 snin pendenti nimbuttaw sabiex jiġu installati. Bi pjaċir nistgħu ngħidu li sa fl-aħħar dawn se jitwaħħlu u anki ppproponejna numru ta' stages oħrajn li jixraqilhom li jkollhom shelters imwaħħlin għall benefiċċju tar-residenti tagħna.

## Fondi

Il-fondi li jieħu l-Kunsill Lokali mill-Gvern Ċentral mhumiex biżejjed biex minnhom isiru ċertu proġetti kapitali. Peress li l-Kunsill Lokali huwa membru fil-GAL Xlokk kien hemm diversi miżuri li applikajna għalihom u ġejna intitolati għall fondi. Fost dawn il-Miżuri hemm dik li biha qed isir ir-resurfacing bil-konkos fi Triq il-Karmnu, Sqaq Nru 4, liem proġett se jkun jiswa madwar Euro 150,000.

Miżura oħra li se nibbenefikaw minnha u li bis-saħħa tagħha se jkun qed isir xogħol ta' tisbiħ fi Triq id-9 t' April, se tkun qed tinvolvi bankini ġodda, soft areas bis-siġar u pjanti indiġeni, street furniture u tisbieħ ieħor. Dan ix-xogħol kollu se jkun jiswa madwar Euro 65,000 u wara li jsir il-proġett se jkun hemm ukoll aspett edukattiv fost it-tfal.

Fil-kampanja tal-madwar ukoll se jsir proġett ta' bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ li hemm fiż-żona ta' Wied Garnaw billi dawn jinsabu fi stat ħażin. Dan il-proġett se jkun qed jiswa madwar Euro 116,000 u l-Kunsill anki ħareġ is-sejħiet għall offerti biex isir dan ix-xogħol u għall darba oħra se nibbenefikaw minn fondi Ewropej. Kieku wieħed kellu jikkalkula kemm se jiswew dawn il miżuri flimkien, malajr jinqabeż l-ammont ta Euro 320,000.

Fondi Ewropej kontinwament joħorġu u fuq aspetti differenti. Bħala Kunsill Lokali qegħdin attenti x' joħroġ u nistgħu ngħidu li qatt ma ħallejna xejn jgħaddi minn taħt imneħirna u li minnu tista tibbenefika Ħal Luqa li ma applikajniex għalih. Anki din is-sena diġà ħarġu xi skemi minn naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li applikajna diġà għalihom u qed nistennew ir-riżultat.

## Edukazzjoni

l-edukazzjoni minn dejjem kienet pilastru importanti ħafna għall Kunsill Lokali tagħna u hawnhekk mill-ewwel jiġina f' moħħna l-librerija fejn minn sena għall oħra dejjem investejna sabiex ikun hemm kotba ġodda u l-librerija tagħna jibqa jkollha konkorrenza tajba. Bi pjaċir ngħidu li bħala Kunsill Lokali tajna madwar Euro 500 sabiex jinxtraw minnhom kotba ġodda. Barra minn hekk il-Kunsill ta' kull sena jagħti premjijiet kemm lil-Iskola Primarja tagħna waqt il-premjazzjoni kif ukoll lil dawk it-tfal li huma minn Ħal Luqa imma jattendu skejjel sekondarji barra l-lokal biex ikompli jinkoraġġixxi aktar studju u dedikazzjoni.

Minn żmien għall żmien ikollna laqgħat mal-Kapijiet tal-Iskola fejn filwaqt li dawn iservu biex tinżamm relazzjoni tajba anki nikkordinaw flimkien proġetti favur l-ambjent jew li bihom uliedna jkomplu javvanzaw fil-ħajja tagħhom. Jekk wieħed jara wkoll il-website tal-Iskola mill-ewwel jinduna fuqxiex qed nitkellmu malli jara fuq id-diversi inizjattivi li qed jittieħdu mill-Iskola.

## Inizjattivi oħra

Matul is-sena l-oħra il-Kunsill kompla jevalwa possibiltajiet ta' proġetti fejn hemm verament bżonn u anki jikkordina ma professjonisti bħal Periti biex dawn il-proġetti jattwaw ruħhom. Fost dawn sar koordinament biex il-lattrina li hemm fi Triq Dun Pawl tiġi embellished fuq l-aħħar standards. Dawn ix-xogħolijiet se jsiru wara li tinħareġ sejħa għall offerti.

Nistgħu ngħidu ukoll li matul din is-sena il-Kunsill Lokali tagħna baqa jiġi afdat b' responsabiltajiet ġodda li qed ikunu parti mid-devoluzzjoni tal-poter minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Fost dawn introduċejna l-Iskema tal-iskart organiku, fejn aħna bħala Kunsill Lokali qassamna permezz tal-ħaddiema tagħna stess il-konteničuri tal-iskart organiku. Illum qed inkomplu naħdmu biex din is-sistema tirnexxi billi qed inqassmu il-boroż l-bojod tal-iskart organiku u anki ikkordinajna mill-viċin biex jinġiebu l-konteničuri tal-iskart u jitqassmu ġewwa Ħal Luqa.

## Komunita

Fil-bidu tax-Xitwa bosta anzjani jew persuni vulnerabbli jkunu qed jistennew it-tilqima tal-influwenza. Għall darb' oħra l-Kunsill Lokali reġa amministra din it-tilqima fejn anki ħallas għas servizz tan-nurse. Dawk li ma setgħux joħorġu minn djarhom ukoll ingħataw din it-tilqima billi membri tal-Kunsill marru jżuru lil dawn ir-residenti fi djarhom.

Għall sena oħra ukoll organiżżajn ġita għall Sqallija fejn żammejna il-prezz kostanti biex nagħtu l-opportunita lil kulħadd sabiex jattendi għall din il-ġita. Żorna postijiet ġodda u dawk in-nies li kienu magħna fis-snin ta' qabel reġgħu attendew magħna għax ħadu gost bil-kumpanija tagħna.

Rigward il-Housing Soċjali ħdimna biex bħala Kunsill Lokali ġibna Euro 5000 biex jintużaw għat tisbiħ tal-komun tal-Binjiet tal-Gvern. Għajnuna oħra li jagħti l-Kunsill Lokali ta' kull sena hija fejn tidħol it-tilqima tal-influwenza fejn tinstab nurse apposta li tamministra din it-tilqima u tkun imħallsa mill-Kunsill stess. Barra minn hekk dawk l-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn ġewwa djarhom, il-Kunsill imur huwa stess bin-nurse biex ituhom it-tilqima.

Minn din il-ħarsa ħafifa tal-aspetti li laqat il-Kunsill Lokali matul is-sena 2018, wieħed malajr jinduna li lħaqna l-aspetti kollha tal-ħidma tagħna, kif ukoll konna ippreparati biex opportunitajiet speċjalment ta' fondi li tfaċċaw matul is-sena ħtafnihom. Din is-sena se nkomplu naħdmu fuq dak li bdejna fi' snin preċedenti biex dan il-Kunsill ikompli jikseb ir-riżultati.